**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 44 – IT-TNEJN, 20 TA' APRIL 2015 FIS-6.00PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Malcolm Abdilla | Kunsillier (6:32pm) |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Miguel Galea Sillato | Ambaxxatur |

**1. Approvazzjoni Minuti Numru 43**

1.1 Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-Minuti. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Pagamenti Numru 38**

2.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Trevor Fenech issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**3 Aġġudikazzjoni tat-Tenders**

3.1 SGLC/T/07/15 Tabelli tat-Toroq. Ġiet ippreżentata spread sheet bir-rati kollha tat-tliet kuntratturi li ssottomettew l-offerti tagħhom. Kien hemm diskussjoni fejn ġie innutat li r-rati huma viċini hafna. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li tiġi aċċettata l-offerta ta' Mario Mallia peress li hu għandu l-irħas offerta tal-ewwel żewġ items fit-tender schedule li huma l-aktar items li jiġu ordnati mill-Kunsill. Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 4 Korrispondenza

4.1 Ġiet innutata email mit-TCTC fejn huma ndikaw li għandhom jagħmlu arranġamenti mal-Kunsill Lokali tas-Swieqi biex dawn jospitaw l-ikids hemm. Ġie deċiż li ssir l-applikazzjoni għal din sakemm ma jkunx hemm pagamenti addizjonali.

4.2 Ġiet innutata l-applikazzjoni għal Informal Care Award.

4.3 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-KAC għandhom jagħmlu xi xogħol ta' tisbiħ fil-Ġnien tal-Kappara.

4.4 Il-Kunsill ġie nfurmat li għandha tiġi ppublikata t-tender tal-Parks and Gardens.

## 5 Komunikazzjoni mis-Sindku

.

5.1 Is-Sindku tkellem fuq prodott ġdid għall-użu ta' patching fit-toroq. Wara diskussjoni ġie deċiż li jiġi approvat dan il-prodott bħala prova.

5.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hemm kumpanija li hija interessata tagħmel tliet siti minn fejn jistgħu jinkrew ir-roti. Kien hemm qbil fuq dan.

Is-Sur Malcolm Abdilla dahal ghal-laqgha 6.32pm.

5.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienu ser jinbidlu xi karigi tal-Kunsillieri. Dan minhabba li l-Kunsillier Mikhail Micallef talab biex ir-responsabilita ta' editor titnehhilu ghax mhux ilahhaq mghahha. Ghal daqs tant Marica Bayliss ser tkun l-Editur il-ġdid tal-fuljett tal-Kunsill u Mikhail Micallef ser ikun responsabbli għal website tal-Kunsill. Ir-responsabbiltà ta' Malcolm Abdilla se tiġi deċiża f'laqgħa oħra.

## 6 Affarjiet Oħra

6.1 Is-Sinjura Joan Farrugia infurmat lill-Kunsill li hemm żewġ lampi li għandhom bżonn jinbidlu. Hi qalet ukoll li l-fanal fi Ġnien San Ġorġ Preca għadha ma nbidlitx. Is-Sur Dominic Cassar informa lill-Kunsill li l-electrician il-ġdid tal-Kunsill mhux qed ikun effiċjenti.

Is-Sinjura Marica Bayliss skużat ruħha mil-laqgħa.

6.1.1 Kien hemm diskussjoni rigward ix-xogħlijiet tal-elettriku li hemm bżonn fil-ġonna. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jinbidel il-kuntrattur tal kwotazzjoni SGLC/Q/01/15 għall-offerta li jmiss li jiġi Andrea Genovese peress li s-servizz li l-Kunsill qed jirċievi mhux sodisfaċenti. Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm 6 favur u 1 astensjoni.

Is-Sinjura Marica Bayliss reġgħet daħlet fil-laqgħa.

6.1.2 Is-Sinjura Joan Farrugia ġabet ukoll għall-attenzjoni tal-Kunsill li hemm bżonn qtugħ ta' ħaxix u tindif fis-soft areas ta' ħdejn Pinto u fi Triq il-Lanġasa.

6.2 Is-Sur Dominic Cassar informa lill-Kunsill li hemm resident li jixtieq jagħmel u bollard fi Triq San Ġiljan. Kien hemm qbil fuq dan.

6.3 Is-Sur Malcolm Abdilla lmenta rigward l-istat ta' Triq il-Pelikan. Din għandha tiġi resurfaced minn TM. Ġie deċiż li tinbidel it-tabella tal-un/loading fi Triq is-Santwarju. Hu lmenta wkoll fuq il-ħsara li qed isir fuq iċ-ċint wara l-bring in

sites ta' Triq l-Istefanotis. Għandha ssir barrier biex ma tiġix milquta mill-iskips meta jiġu mbattla.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fis-7.00pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 27 ta' April 2015 fil-10.30am.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**